31994R2713

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2713/94
tat- 8 ta' Novembru 1994
li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2053/89 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni ta' sistema ta' prezz minimu fuq l-importazjoni ta' ċerta ċirasa importata

IL- KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it- Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 426/86 ta' l– 24 ta' Frar 1986 dwar l-organizzazjoni komuni tas-suq fi prodotti proċessati minn frott u ħxejjex [1] kif l-aħħar emendat bir- Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1490/94 [2], u partikolarment l-Artikolu 9(6) tiegħu,

Billi l-Artikolu 2(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2053/89 [3], kif l-aħħar emendat bir- Regolament (KEE) Nru 3821/92 [4], jistabbilixxi l-kondizjonijiet li permezz tagħhom il-medja ta' prezzijiet skond il-piż ta' ċerta ċirasa proċessata huwa kunsidrat bħala l-prezz ta' l-importazjoni; billi, sabiex jiġi evitat kull tnaqqis artifiċjali fil-protezzjoni, għandu jkun hemm dispożizzjonijiet li bis-saħħa tagħha id-dazju fuq l-importazjoni jkun jikkorispondi mat-taxxi fuq dħul u taxxi indiretti li jkunu fil-fatt ġew mħallsa u li għandhom jitnaqqsu mill-prezzijiet tat-tieni bejgħ irreġistrat; billi l-Artikolu 2(6) ta' dak ir- Regolament jiddefinixxi "konsumatur"; billi manufatturi li jippakkjaw il-prodott immedjatament ma jistgħux jaqgħu taħt dik il-kelma billi anki jekk dan l-ippakkjar u l-preżentazjoni jirriżulta f'bidla fil-kodiċi NM, ma jistax jitqies bħala proċessar għall-iskopijiet tad-dispożizzjonijiet f'dan il-każ;

Billi l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 2053/89 jistabbilixxi proċedura ta' kontroll speċjali; billi l-esperjenza turi li meta tiġi applikata dik il-proċedura, il-ħruġ tal-prodotti għal ċirkulazjoni ħielsa għandu jkun awtorizzat biss la darba s-sigurtà msemmija fl-Artikolu 248 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar l-implimentazjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [5] tkun ġiet ippreżentata, kif l-aħħar emendat bir-Regolament 2193/94 [6]; billi dik il-garanżija għandha tiġi mitlufa jekk l-awtoritajiet doganali jkollhom dubji dwar l-awtentiċità tal-prezz ta' l-importazjoni, anki qabel il-kontrolli preskritti mill-Artikolu 248; billi, fil-każ ta' kontrolli *a posteriori*, għandu jkun ċar li l-passi jkunu qegħdin jittieħdu sabiex jiġu rikoverati dazji dovuti skond l-Artikolu 220 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Kommunità [7]; billi, aktar minn hekk, għandu jkun ċar li taħt il-proċeduri ta' kontroll kollha għandhom jitħallsu l-imgħax fuq id-dazji dovuti;

Billi l- l-Artikolu 7(1) tar- Regolament (KEE) Nru 2053/89 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li permezz tagħhom il-prezz minimu ta' l-importazjoni huwa meqjus li ġie osservat; billi l-esperjenza turi li, sabiex ikun evitat it-tgħawwiġ, wieħed għandu jqis id-dazju fuq l-importazjoni li fil-fatt ikun ġie mħallas kif ukoll il-prezz ta' kull trattament li l-prodott importat ikun għadda minnu wara l-importazjoni u qabel ma jiġi mibjugħ lill-konsumatur;

Billi l-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal-Prodotti Proċessati mill-Frott u l-Ħxejjex,

ADOTTAT DAN IR- REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir- Regolament (KEE) Nru 2053/89 qiegħed jiġi emendat kif ġej:

1. L- L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il- paragrafu 3 huwa mibdul b'dan li ġej:

"3. Meta jinsab li l-prezzijiet fuq it-tieni bejgħ, direttament jew permezz ta' intermedjarji kummerċjali, huma, wara t-tnaqqis tad-dazju fuq l-importazjoni li jkun fil-fatt ġie mħallas, inqas mill-prezz minimu fir-rigward ta' iktar minn 15 % ta' kull konsenja importata, il-medja peżata ta' dawk il-prezzijiet hekk aġġustati għandu jitqies bħala l-prezz ta' l-importazjoni.";

(a) il-paragrafu 6 huwa mibdul b'dan li ġej:

"6. Għall-iskopijiet ta' dan ir- Regolament, il-konsumatur ifisser jew manufattur li juża l-prodott f'dan il-każ bil-għan li jipproċessah, apparti milli jippakkjah, fi prodott kopert bill-kodiċi NM differenti minn dik murija fid-dikjarazjoni għall-ħruġ għaċ-ċirkulazjoni ħielsa, jew il-bejjiegħ li jbigħ esklussivament lill-konsumaturi.";

[1] ĠU L 49, tas-27.2.1986, p. 1.
[2] ĠU L 161, tad-29.6.1994, p. 13.
[3] ĠU L 195, tal-11.7.1989, p. 11.
[4] ĠU L 387, tal-31.12.1992, p. 24.
[5] ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1.
[6] ĠU L 235, tad-9.9.1994, p. 6.
[7] ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

2. L- l-Artikolu 6 huwa mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikolu 6

1. Meta l-awtoritajiet doganali jkollhom dubji fondati sew li l-prezz muri fid-dikjarazzjoni ta' ħruġ għaċ-ċirkolazjoni ħielsa jirrefletti l-prezz ta' l-importazjoni attwali, huma għandhom jawtorizzaw il-ħruġ għaċ-ċirkolazjoni ħielsa biss wara li l-importatur ikun ippreżenta l-garanzija referuta fl-L-Artikolu 248(1) tar- Regolament (KEE) Nru 2454/93 flimkien ma' l-imgħax għall-perjodu ta' sitt xhur referuti fit-tieni subparagrafu. Ir-rata ta' l-imgħax applikabbli għandha tkun dik fis-seħħ skond il-liġi nazzjonali għall-irkuprar ta' somom dovuti.

L-importaturi għandhom sitt xhur biex jipprovaw li l-prodott ikun ġie mibjugħ taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu l-osservanza tal-prezz minimu ta' l-importazzjoni. Nuqqas ta' konformità mal-limitu ta' żmien għandu jinvolvi t-telf tal-garanzija, mingħajr preġudizju għall-paragrafu 2.

2. It-terminu ta' żmien stabbilit mill-paragrafu 1 jista' jiġi estiż mill-awtoritajiet kompetenti sa massimu ta' tlett xhur permezz ta' l-applikazjoni ġustifikata mill-importatur u sakemm il-garanzija tiġi aġġustata kif xieraq.";

3. L-L-Artikolu 7 (1) huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Il-prezz minimu ta' l-importazjoni għandu jitqies li ġie osservat jekk l-importatur jipprovdi provi fir-rigward ta' mill-inqas 95 % tal-konsenja importata li, f'kull stadju tal-kummerċ inkluż il-bejgħ lill-konsumaturi, il-prodott ikun ġie mibjugħ bi prezz ta' mill-inqas daqs il-prezz minimu ta' l-importazzjoni wara tnaqqis ta' dazju fuq l-importazjoni li jkun fil-fatt ġie mħallas. Jekk il-prodott jgħaddi minn trattament wara li jinħareġ għaċ-ċiirkolazjoni ħielsa u qabel ma jinbiegħ lill-konsumatur, il-prezz ta' dan it-trattament għandu jiġi rifless fil-prezz tal-bejgħ lill-konsumatur.";

4. L- L-Artikolu 10 huwa mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikolu 10

Meta, waqt li jkun qiegħed isir kontroll, l-awtoritajiet isibu li l-prezz minimu ta' importazzjoni ma jkunx ġie osservat, huma għandhom jiġbru d-dazji dovuti skond l-Artikolu 220 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92. Sabiex jistabilixxu l-ammont ta' dazji li għandhom jiġu rikoverati jew li jkun fadlilhom jiġu rikoverati, huma għandhom jikkunsidraw l-imgħax li jkunu ammontaw mid-data tal-ħruġ għaċ-ċirkolazjoni ħielsa sad-data ta' l-irkuprar. Ir-rata ta' l-imgħax applikabbli għandha tkun dik fis-seħħ taħt il-liġi nazzjonali għall-irkuprar tas-somom dovuti."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal- Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir- Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u direttament japplikabi fl- Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fit-8 ta' Novembru 1994.

Għall- Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni